MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1616/1993/3

**Joseph Vella ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Rimus Riley Limited**

**vs**

**Anthony Migneco u Godwin Migneco ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Medairco Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur *nomine* fit-22 ta' Novembru, 1993, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

Fl-10 ta' Lulju, 1986 is-socjeta' attrici inkarigat lis-socjeta' konvenuta tistalla sistema ta' *"air conditioning"* fil-fabbrika B41, *Industrial Estate*, Bulebel bil-prezz globali ta' Lm17,000 (Dokument *'A'*).

Xi sentejn wara wiehed mill-*air conditioning units* sviluppa difett fil-kompressur u *stante* illi kien ghadda z-zmien tal-garanzija ir-riparazzjonijiet kellhom isiru *a spejjez* tal-*istante nomine*. Ir-riparazzjonijiet effettivament saru mis-socjeta' konvenuta u il-kompressur gie minnha istallat f'Mejju, 1989.

Fit-13 ta' Gunju, 1989 is-socjeta' attrici irrapurtat illi l-*'unit'* ma kienx qieghed jiffunzjona sew u fis-17 ta' Gunju, 1989 impjegati tas-socjeta' konvenuta effettwaw xi tiswijiet. Fit-3 ta' Lulju, 1989, l-*'unit'* rega waqaf, regghu saru jew d-ditta konvenuta ppruvat taghmel xi tiswijiet fis-7 ta' Lulju, 1989. Minn dik il-gurnata sal-lum il-*unit* ma hadimx u ghalhekk jidher car li jew il-*unit* jew il-kompressur ghandu difett latenti b'mod li dana jaghmel l-oggett mhux tajjeb ghall-uzu li ghalih gie mahsub u l-attur *nomine* ma kienx jixtrieh li kieku kien jaf bid-difett. Dana kollu ghad-dannu tas-socjeta' attrici.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tiddikjara:

1. L-*airconditioning unit* mibjugh u konsegnat lill-attur *nomine* mill-konvenut *nomine* ghandu difetti latenti tali li kieku kien jaf bihom l-attur ma kienx jixtri l-istess oggett u konsegwentement tirrexindi l-vendita.

2. Jigi stabbilit il-prezz tal-*air conditioning unit* jekk hemm bzonn b'opera ta' perit nominat (*stante* illi kif spjegat fil-premessi gie istallat sistema bi prezz globali).

3. Tikkundannhom biex jirrifondu lill-attur *nomine* il-prezz hekk stabbilit tal-*air conditioning unit* billi huma jaghtu l-haga lura malli din l-Qorti tilqalu l-ewwel talba.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-2 t'Ottubru, 1989 kontra l-konvenuti ingiunti minn issa biex jidhru ghas-subizzjoni.

B'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur *nomine* kontra l-konvenuti senjatament dik ghad-danni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat li, mill-process disponibbli ghall-Qorti, is-socjeta' konvenuta ma resqetx nota tal-eccezzjonijiet biex tikkontesta t-talbiet attrici;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-14 ta' Marzu, 1994, li in forza tieghu hatret bhala perit legali lil Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace sabiex, bl-assistenza teknika tal-Professur Robert Ghirlando, jirrelata fuq it-talbiet tal-attur u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Lulju, 2000, li in forza tieghu l-Qorti ssostitwit ghal-perit tekniku ezistenti lil Henry Baker sabiex jassisti l-perit legali;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-23 ta' Frar, 2001 li in forza tieghu l-Qorti ssostitwit ghal-perit tekniku precedenti lill-Professur Joseph Agius;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' Jannar, 2004, li in forza tieghu l-inkarigu li kien inghata lil perit gie revokat, l-istess perit gie ordnat ukoll jiddepozita fir-registru tal-Qorti l-inkartament li ghandu f'idejh, u inhatret l-Assistent Gudizzjarju Dr. Claudine Galea sabiex tkompli tigbor il-provi kollha li fadal tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2004, fejn il-perit legali precedenti Dr. Simon Micallef Stafrace iddikjara li hu m'ghandu ebda inkartament f'idejh peress li kien irritorna dak li kellu fir-registru, u dan snin ilu.

Rat il-kopji tal-verbali tas-seduti mismugha mill-perit legali u li gew esebiti fil-process mid-difensur tal-attur *nomine*;

Rat li, *pero'*, dawn il-verbali jirreferu ghal-kawza ohra bejn l-istess partijiet (b'citazzjoni numru 1173/89) u mhux ghal din il-kawza;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tixtieq tirrileva, fl-ewwel lok, li ghalkemm fil-process ma kienx hemm disponibbli nota tal-eccezzjonijiet, jidher li din giet ippresentata, u dana peress li mhux biss l-Avukat tas-socjeta' konvenuta kien thalla jidher fis-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, izda fl-udjenza tat-22 ta' Gunju, 2001, din il-Qorti kienet ordnat lill-perit legali *"jghaddi ghar-relazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni"*. Din in-nota tal-eccezzjonijiet, *pero'*, *nonostante* ricerka li l-Qorti ordnat li jsir fir-registru, baqghet ma gietx intraccjata, u la d-difensur tal-attur *nomine*, u wisq anqas id-difensur tas-socjeta' konvenuta, ma dehrilhom li kellhom jippresentaw kopja tan-nota tal-eccezzjonijiet li setghet giet ippresentata.

Fil-fatt, din il-Qorti trid tirrimarka fuq in-nuqqas ta interess li l-perit legali u d-difensuri tal-partijiet urew fl-andament tal-kawza. Kienet issir hafna insistenza f'diversi kwartieri li kawza hi tal-partijiet, *pero'*, dawn u l-mandatarji taghhom ma jidhirx li ghamlu xi sforz kbir biex imexxu l-kawza. Din il-kawza ma kellhiex idum tnax-il sena biex tigi decisa, u ma jidhirx li sar xi impenn min min kellu interess li l-kawza titmexxa. Id-difensur tas-socjeta' attrici, umbaghad, esebixxa kopji ta' xhieda li instemghu f'kawza ohra, u lill-Qorti ma inghatatx informazzjoni dwar ir-rilevanza ta' dik il-kawza u x'sar minnha. Din il-Qorti ma dehrilix li kellha hi toqghod tigri wara d-difensuri tal-partijiet u titlob spjegazzjonijiet; huwa dmir tal-Avukati li jaraw li l-atti ta' kawza jkunu *in regola* u li fil-process ikun hemm dak kollu mehtieg u rilevanti ghad-determinazzjoni tal-kaz. Jekk jonqsu minn dmirhom, iridu jerfghu huma ir-responsabilita', izda l-Qorti trid tiddeciedi *a bazi* tal-atti kif imressqa quddiema u li huma marbuta u rilevanti mal-kaz.

Dwar il-meritu jirrizulta li fl-10 ta' Lulju, 1986, is-socjeta' attrici akkwistat *air conditioning unit* minghand is-socjeta'

konvenuta. Din giet debitament installata fil-fabbrika tas-socjeta' attrici gewwa Bulebel. Jirrizulta, *pero'*, li kien hemm difett fil-kompressur ta' wiehed mill-*air conditioning units*, u sar tentattiv biex dan gie imsewwi mis-socjeta' konvenuta. L-ewwel tiswija jidher li saret fis-17 ta' Gunju, 1989. Tiswija ohra regghet saret fis-7 ta' Lulju, 1989, wara li l-kompressur kien, fil-frattemp, rega' waqaf. F'Awissu tal-1989, il-kompressur rega' kellu l-hsara, izda s-socjeta' konvenuta ma marretx tipprova issewwi l-*unit*, *nonostante* li giet mitluba taghmel dan bi tlett ittri, tal-1 ta' Awissu, 1989, tad-29 ta' Awissu, 1989, u tal-2 ta' Ottubru, 1989. Is-socjeta' attrici resqet din l-istanza li in forza taghha ipproponiet l-azjoni redhibitorja peress li qed tallega li l-kompressur kien affett minn difett latenti.

Din il-Qorti tqies li hemm zewg ostakoli legali ghal-akkoljiment tat-talba attrici.

Fl-ewwel lok, il-ligi, f'dik l-epoka, riedet li tali azjoni issir fi zmien xahar minn meta jigi skopert id-difett. Ovvjament, mhux mistenni li hekk kif l-oggett jiskontra hsara, il-kompratur jiddeciedi li dak hu difett u jressaq mil-ewwel l-azzjoni redibitorja. Ma hux logiku li wiehed jirritjeni li, malli x-xerrej jirriskontra xi rregolarita' fil-funzjonament, jikkonkludi li din l-irregolarita' hi difett, li qed jirrendi l-apparrat minnu mixtri mhux tajjeb ghal uzu mahsub, u fil-pront jistitwixxi l-azzjoni, imma jidher aktar logiku li jinghad li f'kaz simili *stante* l-possibilita' li *si tratta*, mhux ta' veru difett, imma ta' semplici rregolarita' facilment riparabli, li x-xerrej jirrikorri lill-bejjiegh, biex dan, *sija pure* taht il-garanzija li soltu tigi rilaxxata ma bejgh ta' attrezzi simili, jipprovdi ghar-riparazzjoni. Din il-Qorti fil-kawza <u>"Briffa vs Bianchi"</u>, decisa fl-10 ta' Dicembru, 1986, asservat li t-terminu ta' xahar jibda jghaddi mhux meta l-kompratur ikun jaf li l-oggett fih xi difett, izda min meta jkun jaf li l-ogget hu definitivament difettuz. Min naha l-ohra, meta d-difett jibqa' kostantement jimmanifesta ruhu fl-oggett u dana ghal-perjodu twil, il-kompratur ghandu jirrealizza li l-oggett kien definitivament difettuz u ghandu jagixxi kif trid il-ligi.

F’dan il-kaz l-oggett *in kwistjoni* gralu hsara darbtejn u gie suppost imsewwi darbtejn; meta, ghat-tielet darba, l-oggett rega gralu hsara, il-kompratur kellu jikkonkludi li l-oggett hu definitivament difettuz, aktar u aktar meta, wara l-ittri tieghu tal-1 ta’ Awissu u tad-29 ta’ Awissu, 1989, is-socjeta’ venditrici lanqas biss ma kkomunikat mal-kompratur biex tipprova s-sewwi l-kompressur. Xi ftit granet wara d-29 ta’ Awissu, 1989, is-socjeta’ attrici kellha tirrealizza li ma kienetx se tiehu sodisfazzjon minghand is-socjeta’ konvenuta u kellha, ghalhekk, tagixxi immedjatament biex tissalvagwardja l-interessi taghha; is-socjeta’ attrici, *pero’* ma hadetz azjoni *entro* t-terminu ta’ xahar mil-1 ta’ Settembru, 1989, id-data li, bl-aktar mod vantagguz ghal-kompratur, tista titqies bhala d-data li fiha is-socjeta’ attrici kellha tikkonkludi li l-oggett *in kwistjoni* kien definitivament difettuz.

Ghal kull *buon fini*, l-Qorti tirrileva li t-terminu ta’ xahar impost mil-ligi, gie decis li mhux terminu ta’ preskrizzjoni (li ma jkunx jista’ jigi sollevat mill-Qorti *ex officio*), izda hu terminu ta’ dekadenza li hu t’ordni publiku u mhux interrottibbli (ara “Buttigieg vs Zammit”, decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta’ Ottubru, 1997; “Baldacchino vs Darmanin Lia”, decisa minn din il-Qorti fis-6 ta’ Lulju, 1982, “Balzan vs Celotti”, decisa minn din il-Qorti fit-22 ta’ Novembru, 1999 u “Debono vs Ceiling Systems Ltd”, decisa mill-Onorabbli Qorti tal-appell fit-30 ta’ Mejju, 2003). Kif jispjega l-Pacifici Mazzoni, *“Instituzioni di Diritto Civile Italiano”*, *Libro II, Parte 2,* f’pagna 37 *et seq, “La prescrizione colpisce indirettamente il diritto e direttamente l’azione; la decadenza colpisce senz’altro il diritto che e’ assogettato ad un termine e reso di breve durata”*. Perjodu ta’ dekadenza mhux soggett ghar-regoli ta’ sospensjoni jew ta’ interruzzjoni; dak it-terminu mhux prorogabbli, u l-inattivita’ fil-perjodu ta’ xahar irrimedjabbilment jippregudika d-drittijiet tal-kompratur. Skadut dak it-terminu, l-azjoni mhix aktar ammisibbli (ara “Camilleri vs Micallef”, decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta’ Ottubru, 1998) u l-Qorti, ghalhekk, tista’ u anzi ghandha tissoleva dan il-punt *ex officcio*, (ara wkoll “Surprise Yachts Ltd vs Rosso”, decisa min din il-Qorti fil-21 ta’

April, 2004, fejn gie osservat, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza precedenti, li la darba it-terminu hu perentorju tad-dritt *"lanqas hi ammessa rinunzja ghall-eccezzjoni bhal din"*).

It-tieni punt li hu ta' ostakolu ghall-azzjoni attrici hi li, skond il-gurisprudenza, biex kompratur jista' jirnexxi b'azjoni redibitorja, m'ghandux izomm l-oggett ghandu, izda ghandu jirritorna l-oggett lill-venditur jew jiddepozitah taht l-awtorita' tal-Qorti. Iz-zamma tal-oggett mill-kompratur huwa inkompatibbli mal-azjoni intiza ghar-rixissjoni tal-bejgh. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Busietta vs Borg Cardona", decisa fis-6 ta' Ottubru, 2000, *"Il-kompratur ma kellux id-dritt li jibqa' jzomm l-oggett f'idejh u jirrilaxxjah biss lill-venditur meta dan iroddlu l-prezz tieghu. Hu kellu l-obbligu li minnufih appena jirrifjuta l-oggett mibjugh ghalhiex ikun irriskontra difetti latenti li jaghti lura l-haga lill-venditur"*. Il-principju li l-azjoni redibitorja ma tistax tintlaqa meta x-xerrej ikun zamm ghandu l-oggett, gie accettat ukoll fil-kawza "Vella vs Mifsud", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-2 ta' Novembru, 1990, u fil-kawza "Sammut vs Debono", decisa min din il-Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1999, fost ohrajn.

F'dan il-kaz, jirrizulta li s-socjeta' attrici zammet ghandha l-oggett allegatament difettuz, u *kwindi*, l-azjoni minnha intentata ma tistax tirnexxi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkustanzi ta' kif svillupat din il-kawza, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------